MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT DR.

### EDWINA GRIMA

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2014

Numru. 957/2009

Il-**Pulizija**

**(Spettur Therese Sciberras**

**Vs**

**Raymond Schembri ta' 49 sena mwieled 21/12/1959 Mgarr Malta bin il-mejjet John Mary u l-mejta Marianne nee Vella residenti Mon Rove no 174, Triq Santa Marija, Mgarr, Malta detentur tal-karta tal-identita` numru 34060M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat tallif'dawn il-gzejjer, nhar it-3 ta' April, 2009, fil-Mellieha f'xi hin bejn nofs inhar u s-sitta ta' filghaxija ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Orazio Anelli skond ma ccertifikatu Dr. Stephnie Falzon M.D. Reg. No. 5131 tal-Isptar Mater Dei.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Rat il-verbal maghmul mill-parte leza fis-seduta tal-lum fejn iddikjara illi l-feriti sofferti minnu huma ta' natura hafifa u li ser jirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi mill-atti jirrizulta li l-parte leza u l-imputat irrisolvew id-divergenzi ta' bejniethom tant illi l-parte leza ma xehdux f'dawn il-proceduri. Inoltre jidher anke ictu oculi lil din il-Qorti illi l-feriti sofferti mill-parte leza huma ta' natura hafifa u ma hallew l-ebda marka permanenti fuq wicc u l-idejn il-parte leza u li dan ma sofra l-ebda dizabilita konsegwenza tal-istess griehi. Inoltre l-pare leza iddikjara li qed jirrinzunzja ghall-azzjoni krminali fil-konfront tal-imputat.

Ghaldaqstant fuq nuqqas ta' provi l-Qorti qed tillibera lill-imputat minn kull akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------